TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Francis Agius

vs

Unicare Limited

CCT 94/22/MS

4 ta' Ottubru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fis-27 ta' Gunju 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jordna l-isocjeta' intimata jirrifondilu s-somma ta' tmien mitt euro (€800.00), imhallsa mill-istess rikorrent sabiex jixtri l-magna CPAP, liema magna bdiet taghti problemi xahrejn biss wara li nxtrat.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrent u dan stante li l-magna qed tintuza minnu minghajr l-ebda problemi, u dan kif ir-rikorrent stess ikkonferma.

Sema' x-xiehda tar-rikorrent.

Ra l-affidavits ta' Dolores Agius, Francis Agius.

Ra illi ghalkemm hadd ma deher ghas-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2022 it-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu, bil-fakulta tas-socjeta' intimata li tipprezenta l-provi taghha fil-mori tad-differiment.

Ra illi f'Jannar 2023 kien hemm ostakolu ghas-sentenza u s-socjeta' intimata ipprezentat affidavit tad-Direttur Christoper Lia u talbet l-opportunita' li tipprezenta risposta u biex ittella' x-xiehda taghha.

Ra illi t-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta' intimata, sospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u thalla l-kawza ghas-smigh tal-provi kollha u ghal sottomissjonijiet li fadal ghall-20 ta' Settembru 2023.

Ra illi ghal darb'ohra, fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2023, rega' ma deher hadd ghas-socjeta' intimata, u deher biss ir-rikorrent u l-kawza giet differita gas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru.

Ra l-affidavit ta' Christopher Lia.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fit-2 ta' Novembru 2021 ir-rikorrent xtara magna CPAP minghand is-socjeta' intimata, peress illi jbati minn kundizzjoni medika (sleep apnea) u jaqta' nifsu bil-lejl.
Ftit xhur wara sab l-ilma mal-komodina u mar ghandhom biex ighidilhom b'dak li gara. Sab il-sales girl Anabelle Cassar li kienet bieghetlu l-magna u kien hemm ragel iehor li qallu li l-magna ma dehritx li kienet tahdem sewwa u weghdu li kif tidhol wahda milli kellhom mislufin barra ha jcemplulu.

Dak in-nhar qalulu biex jaqla' l-parti ta' isfel (il-kexxun) pero' meta ghamel hekk kien qed iqum b'grizmejh niexef. Rega' cempel u tkellem mat-technician li qallu biex ma juzahiex minghajr il-kexxun. Qallu wkoll illi l-fabbrika kienet ghalqet u riedu jaraw minn fejn kienu ser igibu l-*parts*. Baqa' juzaha minghajr il-parti ta' isfel u f'Gunju 2022 telaghlu error iehor, u ghalhekk ma setax jibqa' juzaha. Rega' mar u kellem l-istess salesgirl li qaltlu biex ihalliha ghal service, pero' meta talab magna ohra (kif kien il-ftehim meta xtraha) ma kellhomx wahda u dam sitt ijiem minghajrha. Ghalkemm baqa' juza l-magna, l-problemi baqghu ghaddejin u fis-7 ta' Jannar 2023 il-magna telghet messagg "Service Code EOD Unkown Power Supply".
Din grat fil-weekend u ghalhekk rega' ma uzahiex. Meta mar biha it-Tnejn, Cassar qaltlu biex jimla formola pero' regghu ma kellhomx magna biex iselfuh.
Talab biex ikellem lis-superjuri taghha pero' ma kienx qieghed hemm. Gie xi hadd iehor (mara) li qaltlu biex jiehu l-magna lura mieghu, ghalkemm il-magna kien gabha ghat-tiswija u ghalhekk ma kellux bzonnha u telaq il-barra minghajrha. Pero' l-istess mara harget bil-magna u tefghatha fuq is-saqaf tal-vettura tieghu. Fl-ahhar huma zammew il-magna, pero' qalulu li mhumiex responsabbli ghalih. Ir-rikorrent ighid li kuntrarjament ghal dak li kien

weghduh, qatt ma tawh magna ohra biex juzaha meta l-magna kienet ghat-tiswija. Sa ghaxart ijiem wara dan l-incident, kien ghadu bla magna.

Illi t-Tribunal ra l-affidavit ta Christopher Lia, direttur tas-socjeta intimata, fejn ikkonferma illi r-rikorrent kien xtara magna mill-kumpanija tieghu fit-2 ta' Novembru 2021, b'sentejn garanzija. Cahad li r-rikorrent kien qatt ilment maghhom qabel April 2022, u f'April hu kien kellmu mal-ewwel. Qal ukoll illi l-magna kienet giet spezzjonata minn technician li spjegalu li kien qed jaghmel is-setting ta' humidifikazzjoni li ma kienx kompatibbli mat-temperatura tal-kamra u ghalhekk qallu biex jew ibiddel it-temperatura tal-magna jew is-setting. Qal ukoll illi wara li uzu l-magna ir-rikorrent kien qabad u halla l-magna ghas-service minghajr appuntament, u dan ghalkemm kien avzat biex ma jhallihiex hemm.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' tmien mitt euro, prezz ta' magna li huwa xtara minghad is-socjeta' intimata, liema magna bdiet taghtih problemi wara ftit xhur ta' uzu. Apparti minn hekk ir-rikorrent qed ighid illi s-socjeta' ma onorawx il-weghda taghhom illi jisilfuh magna ohra meta l-magna tieghu tkun ghat-tiswija jew ghal service. Is-socjeta' intimata argumentat illi l-kawza tal-ilma kienet minhabba setting li ma kienx kompatibbli mat-temperatura tal-kamra. Cahdet l-allegazjoni tar-rikorrent li s-socjeta' intimata ma kellhiex il-parts available ghat-tiswija u qalet illi r-rikorrent baqa' juza l-magna ghal diversi snin, sakemm f'Jannar 2023 ir-rikorrent halla l-magna ghandhom ghas-service.

Illi t-Tribunal jinnota illi nonostante it-talba tas-socjeta intimata biex jithallew jixhdu viva voce f'dawn il-proceduri, hadd qatt ma deher quddiem it-Tribunal, anke meta -Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza, propju ghal dan l-iskop. It-Tribunal nnota wkoll illi s-socjeta' intimata kienet ghamlet risposta fil-bidu tal-proceduri u allura ma kienx hemm ghalfejn tipprezenta risposta ohra.

Ir-rikorrent ighid li l-magna bdiet bil-problem f'Jannar 2022 u kien mar jilmenta fi Frar 2022. Ghalkemm l-intimat ghid l l-ewwel ilment tar-rikorrent kien f' April 2022 meta ircieva ittra ufficjali minghandu, t-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni ţar-rikorrent hija iktar verosimili. Meta xi hadd ikollu ilment, huwa normali illi jipprova jsolvi l-problema bil-kelma t-tajba u jistenna xahrejn jew tlieta sakemm jirikorri ghall-ittri ufficjali u ghalhekk t-Tribunal m'ghandux dubju illi l-affarijiet graw kif qed ighid ir-rikorrent. Apparti minn hekk, is-socjeta' intimata setghet jekk riedet ittella' lis-sales girl Annabelle Cassar kif ukoll it-tekniku u x-xhieda kollha l-ohra li kienu involuti f'dan il-kaz, izda dan m'ghamlitux. Jekk, kif qed ighid id-direttur, il-magna ma kellhiex difett, missu tella' it-tekniku illi

spezzjona l-magna biex jixhed. L-affidavit tad-direttur ma tantx ighin fic-cirkostanzi, ghaliex ma kienx hu li spezzjona l-magna in kwistjoni.

Meta qies ic-cirkostanzi kollha u l-fatt li hawn si tratta ta' magna li tintuza ghal ragunijiet medici, jidhilru li r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu sal-grad rikjest mill-ligi u t-talba tieghu tisthoqq li tigi akkordata.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' tmien mitt euro. Bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-magna wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru